# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN



*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*



Jannar 2023 — Ħarġa Nru 27



Kumitat 2020

President
Adrian Schinas

Viċi-President
Valent Xuereb

Segretarju
Nardu Agius

Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Assistent Teżorier**
Owen Caruana


## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

Bdejna sena ġdida li nisperaw tkun waħda li se tħallina nibqgħu norganizzaw Il-ħruġ kull xahar biex inkomplu ngawdu il-wirt kulturali reliġjuż li jinsab madwar il-gżejjer Maltin u Għawdxin.

Imma x-xahar ta' Jannar iġib miegħu wkoll il-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI, li bħas-sena l-oħra se tinżamm waqt iż-żjara li se norganizzaw. U IMPORTANTI ĦAFNA LI JOĦORĠU MEMBRI GĦAL KUMITAT BILLI SE JKUN HEMM POSTIJIET VAKANTI, U JEKK L-KUMITAT MA JILĦAQX IN-NUMRU STIPULAT IKOLLNA KONSEGWENZI SERJI LI JISTGĦU JASLU GĦAX-XOLJIMENT TAL-GĦAQDA.

Mela nħeġġiġkom sabiex tagħmlu l-kuraġġ biex ma' membri stabbiliti niffurmaw Kumitat ġdida għal ġid tal-Għaqda u għalikom u l-ħbieb tagħna li jattendu.

Aktar informazzjoni kemm dwar l-ħarġa li jmiss kif ukoll dwar il-Laqgħa Ġenerali Annwali se ssibuhom fiċ-Ċirkolarijiet li se tirċievu aktar tard.

N. Gingell
*Għal Kumitat*

IL-KUMITAT JIXTIEQ SENA ĠDIDA MIMLIJA RISQ, HENA U PAĊI LILL-MEMBRI, FAMILJARI U ĦBIEB TAL-GĦAQDA.

## KNISJA TA' SAN FILIPPU NERI - Ħal Għaxaq



Waħda mill-isbaħ fost il-kappelli ta' stil Barokk li nsibu fl-irħula iż-żgħar tagħna żgur li hija dik li tinsab f'Ħal Għaxaq u li hi ddedikata lil San Filippu Neri. Wieħed jista' jsibha f'misraħ li tista' tilħqu mit-triq li tinsab fuq wara tal-knisja parrokkjali jew li tidħol għalih mit-triq li tibda mit-triq tal- Barrani, tgħaddi minn ħdejn il-kappella ta' Santu Kristu u tibqa' dieħel fir- raħal.

Il-kappella bdiet tinbena fit-23 ta' Jannar tal-1761 minn Dun Ġwann Filippu Zammit Mifsud fuq biċċa art li kienet proprjetà tal-familja, u tlestiet wara tmintax-il xahar, fit-3 ta' Lulju tal-1762. Il-perit kien Sebastiano Saliba, l-istess wieħed li għamel il-pjanta tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq stess u l-bennej kien missier Dun Ġwann Filippu. Il-kappella tbierket nhar id-29 ta' Mejju 1763 minn Dun Ġwann Filippu stess.

Il-kappella għandha pjanta ċċentralizzata b'pilastri ggruppati ta' stil Joniku mal-ħitan u li fuqhom tistrieħ entablatura għolja.

Minn sekond'ordni baxxa jitilgħu erba' arkuni u erba' pendentivi li jerfgħu l-koppla b' lanterna.


*Artal ewlieni u apside*

Fuq il-bieb hemm gallerija tal-orgni li tibqa' ddur maż-żewġ ħitan tal-ġenb u li minnha wieħed jista' jidħol fid-dar li Dun Ġwann Filippu bena mal-kappella. Hemm kor li fih hemm l-altar uniku. L-apside hu ddekorat bi skultura bir-raġġi, salib u żewġ anġli. Fil-kappella wieħed jista' jara aktar skultura fina fil-ġebla Maltija, fil-gwarniċi ta' madwar il-kwadri, fis-saljaturi ta' taħt il-gallerija u fuq il-bibien.

It-titular hu artistiku ħafna u hu xogħol ta' Rocco Buhagiar (1725-1805). Dan juri lill-Madonna bil-Bambin u San Filippu Neri u ħafna anġli. Taħtu hemm sotto-kwadru ta' San Ġwann l-Evanġelista. Dawn huma ż-żewġ qaddisin tal-isem ta' Dun Ġwann Filippu. Mal-ġenb tat-titular u fuq il-bibien li jagħtu għas-sagristija hemm żewġ kwadri oħra, ukoll mill-pinzell ta' Rocco Buhagiar, li juru lil San Ġużepp lil San Alwiġi Gonzaga. Fil-kappella hemm ukoll sett ta' kwadri tal-Via Sagra.



Id-dehra tal-kappella minn barra mhi xejn inqas sabiħa mill-ġewwieni. Quddiem il-bieb hemm portiku li fin-nofs għandu arkata għolja, b'żewġ pilastri Doriċi fil-ġenb u li fuqhom hemm frontispizju triangolari. Fih hemm kitba li tgħidilna li din il-kappella hija affiljata mal-Bażilika Rumana tal-Lateran. Il-portiku fih erba' fetħiet oħra, tnejn fil-faċċata u tnejn fil-ġnub li f'kull waħda hemm tliet kolonni Doriċi. Fuq il-pilastri tal-ġenb ta' dan il- portiku naraw żewġ nofsijiet ta' pediment segmentali li jingħaqdu mal- frontispizju tan-nofs b'żewġ kurvaturi ta' stil Vignola.

Il-faċċata proprja tal-kappella għandha bieb kwadru li fuqu hemm *cartouche* u pediment triangolari. Il-parti ta'


*Portiku fil-**faċċata***

fuq għandha żewġ pilastri twal Doriċi li jispiċaw f'żewġ nofsijiet ta' pediment segmentali maqsum, u li warajhom hemm speċi ta' piramidi skolpiti qishom ilsna tan-nar. Fin-nofs hemm pediment barokk li fih hemm l-arma tal-Papa. Taħtu hemm tieqa għolja bi gwarniċ tal-ġebel maħdum. Il-gwarniċ li hemm fin-naħa ta' fuq ta' din il-faċċata ddur mal-binja kollha iżda hi xi ftit ġejja bħala arkata fin-nofs fuq it-tieqa.


***Koppla minn barra u minn ġewwa minn taħt***

Wara l-faċċata, mingħajr ma hija mgħottija, tidher il-koppla mibnija fuq tanbur ottagonali li fuq it-tarf tiegħu għandu dawra ta' balavostri. Fuq kollox tiddomina lanterna pproporzjonata,bit-twieqi li fuqhahemm salib bażilikali.Fuq il-ħajt li jħares lejn nofsin-nhar hemm kampnar b'qanpiena waħda.

Jingħad li dun Ġwann Filippu kien iħobb imur għall-kaċċa u għalhekk kien iqaddes kmieni ħafna u għall-quddiesa tiegħu kienu jmorru ħafna rġiel li kienu kaċċaturi bħalu. Din ma tantx kienet togħġob lill-kappillan li ordnalu biex ma jkomplix. Biex jinħeles mill-ġuriżdizzjoni tal-kappillan u tal-isqof, huwa ħadem, bl-għajnuna ta'xi kavallieri ħbieb tiegħu, biex il-kappella ssir filjali tal-Bażilika Rumana tal-Lateran. Hu akkwista dan id-dritt fl-1769. Dun Ġwann Filippu miet nhar id-9 ta' Diċembru 1782 u ndifen fil-kappella li hu kien bena. Irħama sabiħa tgħatti l-qabar tiegħu.

Il-kappella, li hija benefiċjali u ta' ġuspatronat, hija miżmuma tajjeb ħafna .

***Kitba ta' Anthony M Brincat***

*Informazzjoni misluta mis-sit www.kappellimaltin.com*

*Ritratti: L Agius, N Gingell*

# KNISJA TA’ SANTU KRISTU – Ħal Għaxaq



Ftit il-barra minn Ħal Għaxaq insibu knisja ddedikata lir-Redentur, magħrufa bħal "*Ta’ Santu Kristu*". Din il-knisja nbniet minflok niċċa li kienet saret fl-1808.

Mikielanġ Zammit, fl-1766 kien sema’ priedka mill-Kapuċċin Patri Felijan dwar il-Passjoni ta’ Sidna Ġesu Kristu u tant impressjonatu għamel ħsieb li jibni niċċa lir-Redentur ġewwa Ħal Għaxaq fl-inħawi ta ‘Kalamija’, għolja msemija għan-Nobbli Rodjan, Calamia, li kien ġie mal-Kavallieri fl-1530.

Wara li kien għadda minn esperjenza ħażina fejn iż-żiemel kien sfratta u waqa mill-kaless imma ma ġralu xejn, fl-1807 bena din in-niċċa u qabbad lill-iskultur Pietru Pawl Azzopardi sabiex jaħdem statwa ta’ Ġesù Redentur mgħobbi bis-salib fil-ġebel. Tqiegħdet fin-niċċa fit-23 ta’ Lulju 1808 u malajr ġibdet lejha d-devozzjoni kemm tal-Għaxqin kif ukoll tan-nies tal-irħula fil-viċin.

Għal din ir-raġuni, Dun Ġużepp Demicoli ħaseb li minflok in-niċċa jibni knisja. Għalhekk ħa ħsieb li jġib l-approvazzjoni tal-Awtorità Ekkleżjastika u wara qabbad lill-Mastru Francesco Carabott miż-Żejtun sabiex jagħmel il-pjanta. L-ewwel ġebla, li tbierket mill-Kappillan Dun Tommaso Naudi, tqegħdet fis-17 t’Ottubru 1852 u l-knisja kienet lesta fl-1859. L-ispiża totali għall-bini tal-knisja kienet laħqet madwar 12,000 skud, 7,000 tħallsu bil-ġbir, u 5,000 oħra inagħtaw bħala xogħol b’xejn.

Il-knisja minn ġewwa hi spazjuża, b'kor għamla ta' nofs tond li hu magħluq b'apside li hu mżejjen bir-raġġi u s-salib. Il-kor hu maqsum fi tlieta b'pilastri ta' stil Tuskan. F’nofsu hemm l-altar b’niċċa li fiha tqegħdet l-istatwa tar-Redentur. Fil-ġnub tal-knisja hemm żewġ altari oħra.



Ħarsa ġewwa quddiem u l-apside



L-istatwa tar-Redentur

Għandha koppla mdaqqsa li tistrieħ fuq erba' arkuni u erba' pilastri maġġuri ta' stil Tuskan.

Għandha faċċata eleganti, b'żewġ kampnari fil-ġnub li huma mibnija fuq pilastri għoljin ta' stil Korintu li jerfgħu entablatura għolja u fuqha hemm il-kampnari kwadri b'erba arkati u mżejna b'pilastri ta' stil Korintu wkoll. Il-parti tan-nofs ta' din il-faċċata għandha forma konkava. Il-parti tan-nofs, li fil-ġenb tagħha hemm żewġ pilastri Doriċi għoljin, fiha il-bieb rettangolari li fuqu hemm '*cartouche*' bi skrizzjoni u pediment segmentali.

Faċċata eleganti



Biswit din il-kappella hemm dar ċkejkna li kienet tintuża mis-Sorijiet Franġiskani li kienu jieħdu ħsieb il-knisja meta kienu f'Ħal Għaxaq. Is-sorijiet kienu inagħtaw din id-dar mill-Isqof Caruana, iżda llum m'għadx baqa' sorijiet f'din id-dar.



Koppla u kampnari

***Kitba ta’ Ruth Cassar u*** *Anthony M Brincat*

*Ritratti: L Agius, N Gingell*

# KAPPELLA TA' SANTA LUĊIJA - Tal-Barrani, limiti ta' Ħal Għaxaq



Fit-triq bejn Ħal Tarxien u Ħal Għaxaq, fil-kampanja f'Tal-Barrani, insibu kappella żgħira: dik ta' Santa Luċija. Din kienet waħda mill-kappelli l-aktar popolari f'Malta fis-sekli bikrija, ċentru ta' ħafna pellegrinaġġi u ta' ħafna devozzjonijiet popolari Maltin matul is-sekli sittax, sbatax u tmintax, u punt ta' referenza għal nies li kienu jiġu mill-Imdina u jgħaddu miż-Żurrieq u Bir Miftuħ (Gudja). u jibqgħu sejrin Bisqallin (iż-Żejtun) u wara Ħaż-Żabbar jew Wied il-Għajn.

Waqt iż-żjara pastorali tiegħu fl-1745, l-isqof Alpheran de Bussan kiteb li l-kappella ta' Santa Luċija kienet inbniet fis-seklu 16 fuq art mogħtija lill-Knisja Katidrali tal-Imdina fl-1535 minn Nobbli Paolo Pellegrino li mpona fuq il-prokuratur tal-Katidral l-obbligu li jiġu ċċelebrati tliet quddisiet, it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa ta' kwalunkwe ġimgħa, għall-qdusija benefiċjali tiegħu. Id-digriet għall-bini nħareġ fid-9 ta' Gunju 1535 mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi u l-Ġurati tal-Università. L-ispejjeż biex inbniet il-kappella ħariġhom il-Kapitlu tal-Katidral, li żamm f'idejħ l-amministrazzjoni. Il-Kapitlu tal-Katidral kien jieħu ħsieb il-kura u l-manutenzjoni tal-post, u jipprovdi dak li hu neċessarju biex fil-kappella jkun jista' jsir il-quddies. Ċertu Salvu Briffa ħa f'idejħ il-bini ta' din il-kappella. Il-knisja kellha Kanonku Onorarju li min-naħa tiegħu hu kien obbligat li jħallas l-ispejjeż kollha tal-festa u li jqassam somma ta' flus lill-fqar f'jum il-festa. Din id-drawwa baqgħet għaddejja sat-Tieni Gwerra Dinjija.



Ritratt antik tal-kappella

L-Amministrazzjoni kollha tal-kappella ta' Santa Luċija kienet f'idejn il-prokuraturi tal-Katidral minkejja li l-kappella għaddiet f'idejn Għaxqi bħala rappreżentant tagħhom. Aloysius (Wiġi) Agius minn Ħal Għaxaq kien is-sagristan ta' Santa Luċija, kif ukoll benefattur. Lil din il-kappella bnielha sagristija żgħira, irranġalha l-altar u l-kwadru kif ukoll irregalalha kalċi u abiti sagri.

Sa mill-bidu tal-1600 il-Katidral organizza l-festa kull sena bil-kant tal-ewwel vespri lejlet il-festa, segwit minn ikla għal dawk li jkunu preżenti. Imbagħad l-għada, nhar il-festa, il-Kleru ta' Ħal Għaxaq, immexxi minn Kanonku tal-Katidral, kien jiċċelebra quddiesa solenni.



*L-arkati li jżommu s-saqaf li jispiċċaw bil-ponta*

Il-kappella tixbaħ lil ħafna kappelli rurali li jinsabu mxerrdin f'Malta b' ħitan dobblu mimlija bil-ħamrija u b'faċċata waħda ċatta. Minn ġewwa għandha forma ta' kaxxa u għandha tliet arkati paralleli li jżommu ssaqaf li huwa kemm xejn bil-ponta. L-arkati jitilgħu mill-art u



L-artal ewlieni

ħafna. Iċ-ċavi huma magħmula minn ġebla mhux lixxa. Is-saqaf huwa magħmul minn xorok u miksi barra bid-deffun. Kollox ħlief l-aperturi huwa magħmul mill-ġebel tal-franka. Ma' ġenb il-kappella hemm sagristija li tidħol għaliha minn bieb żgħir fuq ix-xellug tal-artal. Quddiem il-binja hemm zuntier li għandu bir, u possibilment parti miċ-ċimiterju oriġinali. Ħafna miċ-ċimiterju kien tkisser u ntradam meta twessgħet it-triq fit-tieni parti tas-seklu għoxrin.

Minn ġewwa jidher li l-kappella kellha xi modifikazzjoniijiet li xi wħud qegħdin jagħmlu ħsara lill-ħitan. L-akbar ħsara ġejja minn madum tal-art li twaħħal bħal zokklu madwar il-ħajt. Oriġnarjament il-kappella kienet imbajda, imma l-kulur u l-kundizzjonijiet tat-tibjid ħżienu maż-żmien u partijiet minnu waqgħu jew twaqqgħu minn xi ħadd. Partijiet oħra tbajdu b'kulur differenti. L-altar, li kien imbajjad bis-sistema ta' rħamar saritlu ħafna ħsara u ż-żebgħa tqaxxret.




It-titular ta' Santa Luċija qabel ir-restawr

Ħsara oħra kienet fil-ventilazzjoni oriġinali, għaliex meta nbniet is-sagristija ġew imblokkati t-toqob tal-ventilazzjoni bil-konsegwenza li l-umdità żdiedet. Il-kanal tal-ilma li jdur mal-ħajt ta' barra u li jiġbor l-ilma għall-bir qiegħed jiġi mifqugħ mill-għeruq ta' siġra tat-tin. B'hekk l-ilma mhux qed jinġabar sew bil-konsegwenza li l-umdità qiegħda tizdied minħabba f'hekk ukoll.



It-titular wara r-restawr

Riċentement sar restawr estensiv fil-kappella ta' Santa Luċija : kxif u invjar tal-ġebel b'mod speċjali tal-ħnejjiet fejn inġiebu għall-istat originali tagħhom. Saret tindifa u tibjida fis-Sagristija kif ukoll lill-istess kappella. L-akbar xogħol fil-kappella kien fl-arkati tal-istess binja, Saru tiswijiet kbar ukoll fil-kwadru tal-qaddisa u tindif u restawr ieħor fl-altar ta' din il-kappella.

***Kitba ta' Dr. Mario Rizzo Naudi***

*Informazzjoni misluta mis-sit www.kappellimaltin.com.*

*Ritratti: L Agius, N Gingell u Internet*

## Klarifikazzjoni

Patri Joseph Saliba, O Carm, Provinċjal, infurmana li l-informazzjoni miġbura minnu li biha tagħna t-taħdidiet waqt l-attivita tal-Għaqda fil-Lunzjata, u li dehru fil-ħarġa tal-Fuljett ta' Diċembru 2022, ġiet meħuda minn studju u riċerka li saret minn P. Glenn Attard, P. Charlo Camilleri, u s-Sinjorina Ruth Vella Brincat fil-pubblikazzjoni tagħhom ***VINEA CARMELI, Carmelite Priories and their Churches in Malta, Horizons, Malta 2020.***

## TERMINI TAL-ARKITETTURA EKKLESJASTIKA

*Kitba Martin Morana*



**PRESBITERJU** L-ispazju ta' madwar l-altar maġġur fejn, jekk il-knisja tkun kbira dan ikun ogħla mill-bqija tal-qiegħa tal-knisja b'tarġa jew tnejn, u mdawwar b'**KANĊELL**. Din hi l-parti fejn isiru l-maġġorparti tar-riti liturġiċi, b'ċerta distanza mill-bqija tal-kongregazzjoni. Fl-antik, l-altar maġġur kien ikun fuq in-naħa ta' wara tal-presbiterju. Bir-rit il-ġdid l-altar-mejda hu ppożizzjonat fuq quddiem tal-presbiterju biex iċ-ċelebrant ikun iħares u eqreb lejn il-kongregazzjoni. Ingliż: *chancel*, *presbytery*.

**PROSPETTIVA** Il-gwarniċ, normalment tal-ġebel li jdawwar il-pittura titulari, jew pitturi kbar oħrajn.



*Prospettiva li ddawwar il-pittura (f'dan il-każ maqlugħa – kappella ta' Santa Luċija, Naxxar.*



**RINAXXIMENT** L-arkitettura Rinaxximentali kienet popolari ħafna fl-Italja u pajjiżi oħra Ewropej matul il-Medjuevu Tardiv. Matul dan il-perijodu Malta donnha ma ntlaqtetx minn din il-moda. Dan għaliex il-knejjes lokali dak iż-żmien kienu sempliċi għall-aħħar, u ddisinjati minn kapomastri Maltin li ma kellhomx l-għerf ta' dan l-istil arkitettoniku. Anki fil-Katidral ta' San Pawl, fl-Imdina, ma jidhirx li qatt intuża dan l-istil. L-arkittettura Rinaxximentali daħlet Malta ħafna aktar tard, u dan seħħ fi żmien li l-Ordni kien Malta, biss qabel ma ġiet introdotta l-arkitettura Barokka. Eżempji ta' stil Rinaxximentali narawhom fil-**knisja parrokkjali ta' Ħ'Attard**, li Tumas Dingli ddisinja (ċ.1615), kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa; narawh ukoll f'xi elementi tal-bieb tal-faċċata tal-knisja ta' San Girgor u fil-kappella Ta' Ingrau, it-tnejn fiż-Żejtun, kif ukoll fil-kappella ta' Santu Rokku, Ħal Balzan.

**ROKOKO** Stil ta' arti li żviluppa mill-Barokk fis-seklu tmintax. L-istil tar-Rokoko jpaxxi l-għajnejn bid-dettalji tad-dekorazzjoni artistiċi u esaġerati fl-arkitettura. It-tinqix u l-iskultura ddisinjati fuq il-ġebla huma aktar frivoli minn dawk tal-arti Barokka. F'Malta, ir-Rokoko jidher biss f'partijiet ta' ċertu knejjes, bħal ngħidu aħna, il-kor tal-knisja parrokkjali ta' San Filep Ħaż-Żebbug. Xogħol ieħor ta' gosti f'dan hu t-taraġ tal-mużew l-antik tal-arti, fi Triq in-Nofsinhar, il-Belt u fis-sala tal-ballu f'Palazzo Parisio, in-Naxxar li nbniet fil-bidu tas-seklu għoxrin.





**RUŻUN** Normalment jirreferi għat-tieqa maqtugħa fit-tond u f'forma ta' fjura dekorattiva li tkun ħafna drabi żżejjen l-faċċata jew il-ġnub. Hawn bosta knejjes f'Malta li huma ddekorati b'rużuni sbieħ mal-faċċata, fosthom dik ta' San Bażilju, l-Imqabba. *Sqalli rusuni.*

.

*Rużun mal-faċċata tal-kappella ta' San Bażilju, l-Imqabba .*

Ritratti: Joe Morana